MELLIEHA

MINUTI

**KUNSILL LOKALI MELLIEĦA**

**IS-SEBA' KUNSILL**

SEDUTA NRU. 1

3 ta' April 2013

Minuti tas-seduta Nru. 1 tal-Kunsill Lokali Mellieħa li saret fl-Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, f'Numru 126, Triq il-Mitħna l-Ġdida, Mellieħa, nhar l-Erbgħa l-3 ta' April 2013

## PREŻENTI

Il-Kunsillieri kollha, minbarra dak li għad irid jimla' il-post vakat mis-Sur Robert Cutajar.

## TALBA

It-talba ntqalet mill-Kunsillier John Buttigieg

## 1.0. Minuti

1.1. Billi din kien l-ewwel seduta ta' Kunsill ġdid ma' kienx hemm minuti x'jiġu approvati.

## 2.0. Korrispondenza

2.1. Ma nqrat ebda korrispondenza f'dan l-istadju, billi l-Ordnijiet Permanenti jitolbu li fl-ewwel seduta ta' Kunsill ġdid jiġu trattati minnufih il-ħatriet tas-Sindku u l-Viċi-Sindku.

## 3.1. Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Sindku (C/2)

3.2. Is-Segretarju fetaħ is-seduta billi ġibed l-attenzjoni għall-Artiklu 25(1) ta' l-Att Dwar Kunsilli Lokali. Bis-saħħa ta' l-istess artiklu huwa talab lill-Kunsillier John Buttigieg - il-kandidat li kiseb l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd minn fost il-kandidati tal-partit li fl-elezzjonijiet tat-9 ta' Marzu 2013 kiseb il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri - jgħid jekk huwiex ser jaċċetta din il-kariga.

3.3. Is-Sur Buttigieg wieġeb fl-affermattiv u ffirma dikjarazzjoni f'dan is-sens. Minn dan il-punt 'il quddiem huwa mexxa s-seduta.

3.4. Is-Sindku J. Buttigieg feraħ lill-kunsillieri kollha b'mod partikulari dawk eletti għall-ewwel darba. Huwa qal illi l-kariga ta' kunsillier hija missjoni li wieħed għandu jaqdiha b'kuraġġ u determinazzjoni sakemm ikollu l-interess tal-lokalita` l-ewwel u qabel kollox. Kompla jgħid illi hija l-intenzjoni tiegħu li jkompli fuq it-tajjeb li għamel il-Kunsill preċedenti, filwaqt li ser jinħolqu proġetti ġodda skont il-mezzi finanzjarji disponibbli, li jistgħu jinkludu wkoll dawk inklużi fil-programm elettorali tal-grupp minoritarju. Huwa ser jara li l-fondi pubbliċi fdati lill-Kunsill jintefqu bil-galbu u b'mod trasparenti.

3.5. Huwa rringrazzja lis-Sur R. Cutajar li serva bħala Sindku matul il-ħames snin preċedenti, kif ukoll lill-kunsillieri kollha membri fis-Sitt Kunsill. Is-Sur Buttigieg ippropona li titbagħat ittra ta' ringrazzjament lis-Sur R. Cutajar u lis-Sur J. Azzopardi li serva bħala kunsillier mit-Tielet sas-Sitt Kunsill.

3.6. Il-Kunsillier E. Bartolo rringrazzja lis-Sindku għall-istqarrija li għamel u awgura li ma jkunx hemm kontroversji bla ħtieġa li joħolqu distrazzjoni u jxekklu l-ħidma tal-Kunsill. Huwa għalhekk appella sabiex tinżamm il-moderazzjoni fis-seduti u fl-iskambji li jkun hemm bejn l-istess kunsillieri u entitajiet / persuni li l-Kunsill jiġi f'kuntatt magħhom.

## 4.1. Aċċettazzjoni tal-ħatra ta' Viċi Sindku (C/2)

4.2. Is-Segretarju rrefera wkoll għall-Artiklu 25(2) ta' l-Att Dwar Kunsilli Lokali u stqarr li fil-preżent għad m'hemmx persuna li tokkupa l-kariga ta' Viċi Sindku. Huwa għalhekk talab lill-Kunsillier Clayton Bartolo - il-kandidat li kiseb it-tieni l-ogħla għadd ta' voti ma' l-ewwel għadd, minn fost il-kandidati tal-partit li fl-elezzjonijiet tad-9 ta' Marzu 2013 ġab il-maġġoranza assoluta ta' Kunsillieri - jgħarraf lill-Kunsill dwar jekk huwiex ser jaċċetta din il-kariga.

4.3. Is-Sur C. Bartolo wieġeb fl-affermattiv u għalhekk iffirma dikjarazzjoni li proprju tgħid dan.

## 5.1. Quddies biex ifakkar il-bidu tal-ħidma tas-Seba' Kunsill (A/5/3/Vol IX)

5.2. Is-Sindku ppropona li ssir talba lill-Kappillan sabiex jiddedika Quddiesa li tfakkar il-bidu tal-ħidma tas-Seba' Kunsill, nhar is-Sibt 13 ta' April 2013 fis-6.30pm fil-knisja parrokkjali tal-Mellieħa.

5.3. Is-Sur Buttigieg qal li jkun xieraq illi ssir Quddiesa simili fil-parroċċa tal-Manikata. Il-Kunsill qabel mal-proposta u ddeċieda li ssir talba lill-Kappillan tal-Manikata, sabiex possibilment il-Kunsill ikun jista' jipparteċipa fil-Quddiesa li ssir nhar il-Ħadd 14 ta' April 2013 fil-11.00am.

## 6.1. Stedina għaċ-ċelebrazzjoni tal-*Via Sacra* f'Adenau (K/1/5/Vol V)

6.2. Il-Viċi Sindku C. Bartolo rrefera għal *e-mail* li ntbagħat lis-Sindku ta' Adenau – Arnold Hoffmann – fejn ġie mistoqsi dwar jekk il-Kunsill tiegħu huwiex lest li joffri għajnuna finanzjarji sabiex mużiċisti u kantanti mistiedna mill-istess Kunsill jiġu akkomodati bejn id-19 u l-21 ta' April 2013.

6.3. Is-Segretarju qal li tweġiba kienet għadha ma ngħatatx min-naħa tas-Sur Hoffmann.

## 7.1. Tqassim u assenjazzjoni ta' responsabilitajiet lill-kunsillieri u ħolqien ta' Sotto/Kumitat (K/2/Vol III)

7.2. Is-Sindku stqarr li kellu konsultazzjonijiet mal-kunsillieri kollha dwar ir-responsabilitajiet li jixtieq jassenjalhom. Huwa spjega li dawn ser ikunu mqassma kif jidher hawn taħt:

| | |
|---|---|
| John Buttigieg - Sindku | **Finanzi, Infrastruttura u Ippjanar**<br>Finanzi, *Bye-Laws*, Koperazzjoni mal-Għaqdiet, Sejħiet għall-Offerti, *Chairman Adjudication Board*, estimi u pjan ta' ħidma, *Contracts Manager,* Uffiċċju Amministrattiv tal-Kunsill, trattament tal-ilmenti, *Quality Service Charter*, proġetti kapitali, Grupp Azzjoni Majjistral, Park tal-Majjistral, Awtorita` tal-Ambjent u l-Ippjanar. |

| | |
|---|---|
| Clayton Bartolo – Viċi Sindku | **Attivitajiet Popolari u Relazzjonijiet Pubbliċi**<br>Attivitajiet popolari, programmi tal-Unjoni Ewropea, informazzjoni u konsultazzjoni pubblika, fuljett tal-Kunsill, Jum il-Kunsill, relazzjoni mal-għaqdiet tal-lokalita`, komunita` ta' residenti barranin, membru sostitut fuq il-Kumitat Reġjonali, membru fuq it-*Tender Adjudication Board*. |
| Annabelle Brincat Stellini | **Edukazzjoni u Kultura**<br>Programmi edukattivi, fora edukattivi, skola, sala tal-komunita`, librerija pubblika, Fiera tal-Ktieb, korsijiet ta' tagħlim, ġemellaġġi, servizz ta' internet Wi-Fi, Avventura Sajf (flimkien mal-Kunsillier H. Fenech); pubblikazzjoni Ħannieqa Kulturali, u attivitajiet kulturali |
| Emvin Bartolo | **Traffiku, Żamma tal-Ordni u Protezzjoni tal-Komunita`**<br>Trasport pubbliku, *bus stops, bus shelters,* sinjali u tabelli tat-traffiku, *crash barriers*, parkeġġi u skemi ta' ipparkjar, immaniġġjar tat-traffiku, reklamar fuq għamara tat-toroq, *neighbourhood watch*, Pulizija u Għassa tal-Pulizija, permessi u Gwardjani Lokali, delegat tal-Kunsill fuq il-Kumitat Reġjonali, infurzar tal-liġi, kordinazzjoni dwar il-Festa tal-Vitorja, u membru fuq it-*Tender Adjudication Board*. |
| Hilary Fenech | **Żgħażagħ, u Sports**<br>Relazzjonijiet internazzjonali u *Youth Programmes*, żgħażagħ, Avventura Sajf (flimkien mal-Kunsilliera A. Brincat Stellini), użu ta' faċilitajiet sportivi, avvenimenti sportivi u l-Animal Fest. |
| Patrick Cutajar | **Kummerċ, Turiżmu u Teknoloġija tal-Informatika**<br>Komunita` kummerċjali, *self-employed*, garaxxijiet industrijali, turiżmu, tindif ta' bajjiet u l-kosta, aċċess u sigurta` fil-bajjiet, żoni għall-ikkampjar u caravans, proġetti nfrastrutturali ffinanzjati mill-Unjoni Ewropea. |
| Joseph M. Attard | **Solidarjeta` Soċjali**<br>Ħarġiet kulturali għall-anzjani, żvilupp u assistenza soċjali, saħħa pubblika, persuni ta' terza eta`, persuni b'diżabilita`, avvanz tal-mara, aċċessibilta`, parkeġġ speċjali, Dar tal-Anzjani, Ċentru ta' Matul il-Jum, Berġa, ċimiterji, miżuri ta' sigurta`, familja, tfal u *child care centre*. |
| Dario Vella | **Affarijiet Rurali, Ambjent u Wirt Storiku**<br>Trejqiet rurali, żoni ta' rikjrejazzjoni fil-kampanja ħitan tas-sejjieħ, imtieħen tar-riħ, ġiren, mollijiet, *slipways*, l-ambjent, afforestazzjoni, Proġett Foresta 2000, kampanji ta' tindif, tisbieħ ta' turġien, tindif ta' toroq mhux urbani, skart domestiku, skart goff, latrini pubbliċi, vetturi abbandunati, *bring-in sites*, ħarsien tal-annimali, Proġett tat-Tunnara, restawr ta' bini storiku, *Heritage Trail* f'Selmun u l-Imġiebaħ, enerġija alternattiva, xelters, mużew tal-għodda tal-biedja, sajd u snajja tradizzjonali. |

| | |
|---|---|
| Kunsillieri li għadu mhux elett | **Entitajiet Pubbliċi**<br>Korporazzjoni għas-Servizzi tal-Ilma, Korporazzjoni Enemalta; GO plc, Melita Cable, tismija ta' toroq u numri tal-bibien, talbiet dwar devoluzzjoni, ġonna pubbliċi, *playing fields, belveders,* u tisbieħ tal-lokalita`. |

7.3. Minħabba l-ħtieġa li jiġu evalwati l-offerti dwar l-assikurazzjoni, is-Segretarju ġibed l-attenzjoni li jeħtieġ jiġi kostitwit it-*Tender Adjudication Board*. Filwaqt li ma eskludiex li jista' jkun hemm aktar persuni, is-Sindku ppropona li dan ikun kompost kif ġej:

- Is-Sur John Buttigieg (Sindku) – Chairman
- Is-Sur Clayton Bartolo (Viċi Sindku) – Membru
- Is-Sur Emvin Bartolo (Kunsillier) – Membru
- Dr Gordon Cordina B.A.(Hons.)(Econ),M.Phil.(Cantab.),Ph.D. – Membru
- Peter Calleya B.A. (Hons.)(Bus.Magt.), MA, FCIB

7.4. Il-Kunsill approva n-nomini mressqa u talab li dawn jiġu notifikati.

## 8.1. Caravans fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fl-Armier (C/4/Vol III)

8.2. Is-Sindku staqsa dwar jekk huwiex ser jinżamm l-arranġament li kien hemm fit-tliet snin preċedenti f'dak li jirrigwarda t-tqegħid ta' *caravans* fl-inħawi tal-Qortin it-Twil fil-limiti tal-Armier.

8.3. Il-Kunsill qabel li tkompli tinżamm l-istess *policy* dwar il-*caravans*, ossija li:

- Is-sit fil-Qortin it-Twil m'ghandux jieħu aktar minn 50 *caravan,* li jiġu akkomodati *on first come first served basis*;
- Il-*caravans* kollha għandhom jitneħħew minn fuq is-sit sal-15 ta' Settembru; u
- Ma jsirux pjattaformi tal-konkos jew xi forma ta' strutturi permanenti oħra.

8.4. Il-Kunsill osserva li n-numru ta' *caravans* li nġiebu fuq is-sit tal-Qortin it-Twil fis-snin preċedenti kien ikun ta' madwar għoxrin.

## 9.1. Ħarġa Kulturali (A/5/5/Vol III)

9.2. Il-Kunsilliera A. Brincat Stellini ppproponiet li ssir ħarġa kulturali li tkun tinkludi Quddiesa fil-Knisja ta' San Franġisk fil-Belt Valletta fl-10.00am u żjara lill-*Vanity, Profanity and Worship - Jewellery from the Maltese Islands Exhibition,* li ser tittella' fil-Casino Maltese bejn il-31 ta' Marzu u s-26 ta' Mejju 2013. Hija għarrfet lill-Kunsill li d-dħul għall-wirja huwa ta' €3 kull persuna, filwaqt li l-kafe` jinvolvi press ta' €2. Il-parteċipanti infushom jikkontriwixxu għal dawn l-ispejjeż.

9.3. Il-Kunsill approva l-proposta

## 10.1. Kuntratt dwar it-Tindif tat-Toroq Urbani (T/4/5/Vol IV)

10.2. Is-Sindku aċċenna li t-terminu tal-kuntratt imsemmi skada f'Marzu 2013 u għalhekk, il-Kunsill il-ġdid jeħtieġ li jittratta din il-materja fil-ġimgħat li ġejjin. Is-Sur J. Buttigieg kompla jgħid li l-kuntrattur attwali lmenta li kien kostrett milli juża mezzi mekkanizzati, minħabba żieda fil-prezz tad-diesel. Huwa għalhekk ippropona li fid-dokument tal-offerta għandu jkun hemm provvediment sabiex jilqa' għall-varjazzjonijiet fil-prezz tad-diesel.

10.3. Il-Kunsillier E. Bartolo ppropona li jintuża mudell addottat fil-każ tal-kuntratt dwar il-ġbir tal-iskart organiku.

10.4. Is-Segretarju spjega li l-formola illi toħroġ mill-kuntratt tal-iskart organiku tiddependi fuq il-parametri segwenti:

- Il-prezz tad-diesel prevalenti meta ġiet sottomessa l-offerta;
- Il-prezz tad-diesel prevalenti fix-xahar li jingħata s-servizz;
- Il-volum stmat ta' diesel ikkunsmat kull jum, liema volum jingħata meta tiġi sottomessa l-offerta; u
- In-numru ta' ġranet fix-xahar li jingħata s-servizz.

Kompla jispjega li fir-rigward tat-tindif tat-toroq urbani, għalkemm ir-rotot huma fissi, il-frekwenzi tat-tindif jinbidlu bejn ix-xhur tas-Sajf u dawk tax-Xitwa, u għalhekk ma jkunx jista' jiġi stabbilit il-volum fiss ta' diesel kkunsmat. Hemm diffikulta` oħra fir-rigward tal-ġranet li fihom jingħata s-servizz, peress li r-rotot ivarjaw minn jum għall'ieħor, skont l-iskedi stabbiliti fil-kuntratt. Kemm-il darba l-Kunsill jaddotta l-formula tal-ġbir tal-iskart organiku, jeħtieg li jiġi stabbiliti ammonti medji f'dak li huwa konsum ta' diesel, minn xahar għal xahar, u jiġu stabbiliti l-granet li fihom jingħata s-servizz. Is-Sur C. Debono qal li min-naħa l-oħra, l-offerenti jistgħu jintalbu jikkwotaw rata fissa għal kull sena koperta bil-kuntratt.

10.5. Is-Sindku kkummenta li il-modifikazzjoni tal-formola dwar il-ġbir tal-iskart organiku huwa kemmxejn ikkumplikat u għalhekk il-Kunsill għandu jitlob rata għal kull sena koperta bil-kuntratt. Billi hemm l-element ta' kompetizzjoni, huwa fl-interess tal-offerenti li jikkwotat rati raġġjonevoli, wara li jkunu evalwaw it-tendenzi fil-prezzijiet tad-diesel fl-aħħar snin.

10.6. Wara aktar diskussjoni, il-Kunsill qabel li għandu jiġi sottomess abbozz tal-kuntratt skont il-minuta 12.5.

## 11.1. Parkeġġ riżervat għal persuni b'diżabilita` fi Triq Ġorġ Borg Olivier (P/8/2/Vol IV)

**11.2.** Saret referenza għall-ittra datata 30 ta' Marzu 2013, mibgħuta mill-Kummissjoni Nazzjonali Persuni b'Diżabilita` sabiex jitneħħa mill-post eżistenti fuq il-premessa li l-ħruġ bil-vetturi mill-pjazzetta għal Triq Ġorġ Borg Olivier huwa perikoluż.

**11.3.** Il-Kunsill osserva li saret talba simili mill-operatur tal-ħanut Fairways li hemm fl-istess pjazzetta, liema talba ġiet trattata fis-seduta Nru. 76 tas-Sitt Kunsill li saret fit-30 ta' Ottubru 2012. Dakinhar, il-Kunsill kien tal-fehma li mill-post fejn isir id-dħul u l-ħruġ għall-pjazzetta, wieħed jara sewwa t-traffiku, kemm fi Triq il-Kbira, kif ukoll fi Triq Ġorġ Borg Olivier. Għaldaqstant kien hemm qbil li jitħalla l-arranġament eżistenti, filwaqt li uffiċjal mill-Kummissjoni għandu jiġi mistieden sabiex jiġi determinat dwar jekk jeżistux alternattivi oħra.

## AĠĠORNAMENT

Is-seduta spiċċat fit-8.30 pm u ġiet aġġornata għal nhar l-Erbgħa, 17 ta' April 2013 fis-7.30 pm.

John Buttigieg
**Sindku**

Carmel Debono
**Segretarju Eżekuttiv**